# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 573/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Zrinzo)**

**vs**

**Raymond Agius**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Raymond Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 771758M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Settembru, 2016 għall-ħabta tal-11:40hrs, fil-Parage Ground ta' Pembroke, Pembroke: 1) Insulenta jew hedded lil Anna Agius jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ mill-limitu tal-provokazzjoni; u 2) kkaġuna biża' li ser tintuża vjolenza kontra Anna Agius jew kontra l-propjeta' tagħha

jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-22 ta' Novembru, 2016 li biha ma sabitx lill-imsemmi imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u għalhekk illiberatu minnha, izda sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu ghal twiddiba u ċanfira;

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Agius, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Diċembru, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabitu mhux ħati u "**tħassarha u tirrevokha fejn il-Qorti sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kif indikati fis-sentenza u minnhom tilliberaħ skont il-liġi**".

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell jidher li huwa dwar l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti fejn l-appellant, wara rakkont tal-fatti kif jidhirlu li sehh dan l-incident, talab it-thassir tas-sentenza f'dik il-parti li fiha instab "hati tal-imputazzjonijiet kif indikati fis-sentenza". Din il-Qorti ma tistax ma taghmilx osservazzjoni dwar il-mod ghall-

ahhar infelici ta' kif inhu redatt dan ir-rikors t'appell li fih jitlob li din il-Qorti tara hi dwar liema imputazzjonijiet instab hati meta fil-fatt kien misjub hati ta' wahda biss miz-zewg imputazzjonijiet, haga din meritevoli ta' kritika harxa kontra d-difensur tal-appellant li naturalment ma ghandha tirrifletti bl-ebda mod fuq l-istess appellant u fuq il-kunsiderazzjonijiet dwar-rikors tieghu;

2. Ghar-rizoluzzjoni ta' dan l-appell jehtieg li jkunu konsiderati mill-gdid l-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti sabiex jkun accertat jekk il-konkluzzjoni li wasslet ghaliha l-istess Qorti kienetx wahda legalment u ragjonevolment korretta. Issa, quddiem din il-Qorti xehedet il-kwerelanta, mart l-appellant, li rrakkontat kif kien ikollhom xi jghidu ta' spiss gewwa d-dar taghhom f'Pembroke, meta fl-10 ta' Lulju, 2013 regghu illetikaw l-appellant beda jirrabja u jaghti bil-ponn fuq il-bankijiet u mal-hajt fir-residenza taghhom. Huwa heddidha li kien ser ihassrilha wiccha b'mod li lanqas tal-familja ma jkunu jistghu jgharfuha. L-ghada marret taghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija fejn mar ukoll l-appellant u regghu bdew jilletikaw hemmhekk ukoll;

3. Illi mill-affidavit ta' PC 1022 esebit in atti jirrizulta illi fis-27 ta' Settembru 2016 l-kwerelanta accediet l-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan u rrapurtat li waqt li kienet hdejn Pembroke Parade Ground miexja mal-habiba taghha rat lill-zewgha jiehu ritratti taghha u hemmhekk inqala' incident;

4. Illi huwa evidenti li dak li xehedet dwaru l-kwerelanta quddiem din il-Qorti jirreferi ghall-incident differenti minn dak in dizamina. L-appellant ghazel li ma jixhidx quddiem din il-Qorti u ghalhekk issa hawn sitwazzjoni fejn mhux possibli li jkun mgharuf jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Dan il-fatt huwa ulterjorment kompless b'deposizzjoni li ma tirrispekkjax dak li bih huwa imputat l-appellant. Sitwazzjoni din dovuta ghall-fatt li d-deposizzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti f'kawzi ta' natura sommarja ma jkunux

registrati b'diversi konsegwenzi fosthom li xhud jista' jinsa xi jkun xehed sakemm jibda jinstema l-appell; xhieda jibdlu l-verzjoni taghhom; xhieda jitfixxklu incident ma' iehor meta jkollhom hafna kawzi ohra bhal fil-kaz odjern u hafna ohra inkluz it-telf ta' zmien fi stadju t'appell. Haga din li tista' tkun rizolta b'registrazzjoni ta' kull deposizzjoni minghajr il-htiega li ssir traskrizzjoni ghajr fil-kaz li ikun intavolat appell;

5. Ventilat dan l-obiter, l-appellant jibda biex jillanja s-sentenza appellata bil-gravam illi ghalkemm huwa kien kkundannat bl-aktar piena minima erogabbli, dik tac-canfira u twiddiba, li fra parentesi skond l-artikolu 7(2)(c) tal-Kapitolu 9 tista tkun canfira **jew** twiddiba u mhux it-tnejn, hu mportanti li jkun dikjarat mhux hati ta' haga li m'ghamilx. Issa, meta din il-Qorti semghet lill-kwerelanta tixhed dwar li l-incident sehh fid-dar matrimonjali u f'data ghall-kollox differenti minn dik ravvizata fic-citazzjoni, ma jifdal ebda triq ohra hlief li tilqa' l-ewwel ilment tieghu;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ilmenti l-ohra tal-appellant, tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant mhux hati ta-tieni imputazzjoni; thassarha f'dik il-parti li biha sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal-piena ta' canfira u twiddiba u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.